MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 129/2007

**A B f' isimha**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri C D E,**
**u dan b' digriet tal-21 ta' Marzu 2007**
**vs**
**L-Avukat Dottor Patrick Valentino u l-Prokuratrici Legali Liliana Buhagiar nominati b' digriet tas-19 ta' Lulju 2005 kuraturi deputatii biex jirrapprezentaw lill-assenti F G E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-esponenti zzewget lill-intimat fit-12 ta' Novembru 2003 gewwa l-Italja u minn dan iz-zwieg twieled tifel li jismu C D E li ghandu sentejn;

Illi l-intimat ghall-habta ta’ Dicembru 2004 meta kienu qeghdin jghixu gewwa l-Italja abbandunahom u mar lura gewwa l-Istati Uniti u llum l-esponenti ma tafx fejn jinsab;

Illi jezistu ragunijiet ohra legalment fondati li jaghtu lok ghal proceduri ta’ separazzjoni personali.

Illi b’ digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Civili) Nota Nru. l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali.

Illi l-attrici tirreferi ghall-korp kollu ta’ din ic-citazzjoni,

Jghid ghalhekk, l-konvenut ghala din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex taqta, tiddeciedi u tordna:

1. Tippronuncja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet illi z-zwieg bejn il-konjugi B u E tkisser minhabba minacci, eccessi, mohqrija, theddid, adulterju, swat u abbandun u eccessiv u minhabba li l-hajja flimkien m’ ghadhiex aktar possibli u ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment liema ragunijiet huma imputabbli lill-konvenut;

2. Illi din il-Qorti ghandha tiddikjara ukoll illi l-konvenut huwa hati tal-firda ghall-wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-Kodici Civili u ghalhekk ghandu jitlef a bazi tal-istess Kodici Civili il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 kif ukoll dak kollu li jkun kisbet mill-parti l-ohra b’ donazzjoni bi hsieb taz-zwieg; jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwitu; kif ukoll kull jedd ta’ parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti l-ohra ghandha tkun kunsidrata li minnha jkun hati tal-firda u ghalhekk tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan billi tapplika dawn is-sanzjonijiet tal-Ligi kontra l-istess konvenut;

3. Tiffissa retta alimentarju jew manteniment u l-modulatijiet tal-hlas tal-istess, favur l-attrici u favur il-minuri C D E;

4. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri C D Benajmin tkun fdata f' idejn l-attrici;

5. Tittermina, tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B u E u taqsam u tassenja l-istess komunjoni bejn il-partijiet okkorrendi bin-nomina tal-perit sabiex ifassal pjan ta' qasma.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha, filwaqt li ddikjaraw li huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kawza, irrizervaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri, jekk u wara, li jirnexxilhom jikkomunikaw ma' l-assenti;

Rat l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut assenti ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16 unikament imputabbli lill-istess konvenut.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina Maltija, kienet saret taf tramite l-internet lill-assenti, bahri Amerikan li dak iz-zmien kien stazzjonat l-Italja. Sussegwentement zviluppat hbiberija bejn il-partijiet u eventwalment l-attrici kienet telghet l-Italja fejn il-partijiet izzewgu fit-12 ta' Novembru 2003 minn dan iz-zwieg twieled tifel li llum ghandu circa sentejn.

Illi l-attrici tghid li l-partijiet irriskontraw diversi problemi matul il-konvivenza matrimonjali dovuti principalment ghall-egoizmu tar-ragel fil-konfront taghha, kif ukoll ghall-vizzju tax-xorb li kellu. Hija tispjega li peress li kien ihalliha bla flus, hija kienet kostretta tohrog tahdem biex tghajjex il-familja, filwaqt li l-paga tieghu kien iberbaqa fix-xorba wara gimgha li jkun irceviha, u in segwitu kien idur ghal paga taghha. Wara perijodu tghix f' dan l-inkwiet, l-attrici qabdet it-tifel u nizlet lura bih Malta. Hija kienet

informatu fejn kienet qieghda tghix, u ghalkemm fil-bidu kien jibghatilha “xi tip ta’ manteniment” wara xi xhur huwa mar lura lejn l-Istati Uniti u ma baghtilix aktar flus. Hemmhekk huwa biddel in-numru tat-telefon tieghu sabiex l-attrici ma tkomplix iccempillu, bir-rizultat li tilfet kull kuntatt mieghu.

Hija tiddikjara li bhala assi “qatt ma kellna xejn u ma hemm xejn x’ jinaqasam”.

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravvisa komportament abusiv da parti ta’ l-assenti fil-konfront ta’ martu, li jghati lok ghas-separazzjoni personali bejniethom, stante li kien il-kawza ghat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg. Dan il-komportament kien jikkonsisti fl-egoizmu li dan kien juri fil-konfront ta’ martu, fil-fatt li hu kien ihalliha bla flus tfendi ghal rasha ma’ binhom, u wkoll fil-fatt li l-attrici kienet kostretta tghix ma’ ragel li ghalih ix-xorb jigi qabel il-familja, bil-konsegwenzi korroh li dan il-fatt necessarjament igib. Dan il-komportament jikkwalifika bhala sevizzi fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16 Inoltre, il-fatt li l-assenti qata’ kull kuntatt ma’ martu u ma’ binhom, huwa fih innifsu offiza gravi fit-termini ta’ l-istess artikolu. Dan il-komportament fil-fehma tal-Qorti ghandu jattira l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 48[1] Kap.16 fil-konfront ta’ l-awtur tieghu, f’ dan il-kaz l-assenti.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet unikamemnt attribwibbli lill-konvenut assenti;

[2] tilqa’ t-tieni talba u tapplika fil-konfront ta’ l-istess konvenut l-artikolu 48[1] fl-intier tieghu;

[3] tilqa’ t-tielet talba fis-sens li tafferma d-dritt ta’ l-attrici li tippercepixxi manteniment minghand zewgha l-assenti, ghaliha u ghal binhom minuri; izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament tat-talba stante li ma ngabet ebda prova li fuqha din il-Qorti tista’ tasal ghall-kwantum tal-manteniment;

[4] tilqa’ r-raba talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri Tyler D E f’ idejn l-attrici li ilha tiehu hsiebu u trabbih minn mindu twieled; bid-dritt ta’ access ghal missieru l-assenti, li l-modalita’ tieghu jigu fissati fuq applikazzjoni ad hoc;

[5] tilqa’ il-hames talba limitatament billi tiddikjara t-terminazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet; u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament tat-talba stante li jirrizulta li ma hemm assi tal-komunjoni;

L-isepjjez ikunu kollha a kariku tal-konvenut assenti; izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvisorjament mill-attrici

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------